# IL-BIBBJA MQADDSA U L-HEKK MSEJĦA "DAY-AGE THEORY"

Minn
George Ebejer

# IS-SITT IJIEM TAL-ĦOLQIEN

**Rumani 3:4a** – "*…Ħa jkun jaf kulħadd li Alla hu sinċier u kull bniedem giddieb…*"

**1 Tessalonikin 5:21** – "*Ippruvaw kollox: it-tajjeb żommuh, u fuq kollox warrbu kull xorta ta' ħażen.*"

Hija ħasra kbira li llum, nies li suppost qegħdin igħallmu dak li Alla tassew irid igħid, huma qegħdin igħallmu dak li huma jridu jgħidu! Eżempju ta' dan narawh fil-FLIMKIEN, li joħroġ mill-kulleġġ tal-kappillani, Kurja, Floriana, ħarġa ta' Jannar 2006, f'paġna 36, fejn waħda mit-tweġibiet tas-Sur Robert Aloisio, wara li f'paġna 35 għamel il-mistoqsijiet dwar il-ħolqien, fi tweġiba numru 2b huwa qal li "…Alla ma damx sitt ijiem biex ħalaq id-dinja: din hija parabbola biex tgħallem likien Alla li ħalaq id-dinja. Il-fatt tal-ħolqien għandu sejjer!" Tassew hija ħasra kbira meta tisma' u taqra kliem bħal dan minn dawk li suppost għandhom ir-responsabbiltà li jgħallmu lin-nies u minflok ma huma juru u jgħallmu l-verità dawn igħallmu l-qerq!

Jekk il-jiem tal-ħolqien mhumiex jiem ta' 24 siegħa u huma "żmini-jiet ġeoloġiċi" ta' miljuni ta' snin, allura l-messaġġ ta' l-Evanġelju jkun mgħawwar minn taħt fil-pedament tiegħu għaliex dan ipoġġi l-mewt, mard, għollieq u tbatija *qabel* il-Waqa'. Din l-idea turi wkoll resqan żbaljat għal l-Iskrittura—li l-Kelma ta' Alla tista' tkun inter-pretata fuq il-bażi tat-teoriji fallibbli ta' nies midinba.

Huwa eżerċizzju tajjeb li taqra Ġenesi kapitlu wieħed u tipprova twarrab fil-ġenb influwenzi barranin li jistgħu jikkawżawk li jkollok idea ippredeterminata ta' xi tfisser il-kelma "jum." Sempliċiment ħalli l-kliem tal-passaġġ ikellmek hu.

Jekk tieħu Ġenesi kapitlu wieħed b'dan il-mod, kif hu jidher, mingħajr dubju dan igħid li Alla ħalaq l-univers, l-Art, ix-xemx, il-qamar, u l-kwiekeb, pjanti u annimali, u l-ewwel tnejn minn-nies, f'sitt ijiem ordinarji (bejn wieħed u ieħor ta' 24 siegħa). Jekk wieħed ikun tassew onest, huwa jkollu jammetti li wieħed ***qatt*** ma jista' jieħu l-idea ta' miljuni ta' snin minn meta huwa jaqra dan il-passaġġ.

Iżda, il-maġġoranza tal-Kristjani (inkluż ħafna mexxejja Kristjani) fid-dinja tal-Punent jew ma jinsistux li dawn il-jiem tal-ħolqien kienu jiem ordinarji, jew huma jaċċettaw u jgħallmu li dawn kienu perjodi twal ta' żmien—saħansitra miljuni jew biljuni ta' snin.

## KIF ALLA JIKKOMUNIKA MAGĦNA?

Alla jikkomunika magħna permezz tal-lingwa. Meta għamel l-ewwel bniedem, Adam, hu kien diġà pprogrammah b'lingwa, biex b'hekk ikun hemm il-komunikazzjoni. Lingwa umana tikkonsisti minn kliem użat f'kuntest speċifiku li jirrelata għar-realtà kollha ta' mad-warna.

Hekk, Alla jista' jirrivela ħwejjeġ lill-bniedem, u l-bniedem jista' jikkomunika ma' Alla, billi dan il-kliem għandu tifsira u jwassal messaġġ li wieħed jista' jifhmu.

> "*It-tifsir ta' kliemek jagħti d-dawl; jagħti għarfien lis-sempliċi*" (**Salm 119:130**).

## GĦALIEX 'JIEM TWAL'?

F'**kull** waqt fejn xi ħadd ma kienx aċċetta l-jiem tal-ħolqien bħala li huma jiem ordinarji, huwa għaliex huma ***ma kinux*** ħallew il-kliem ta' l-Iskrittura biex ikellimhom fil-kuntest, kif il-lingwa teħtieġ għall-komunikazzjoni. Huma kienu influwenzati minn ***barra*** mill-Iskrittura. Għalhekk huma qiegħdu preċedent li jista' jħalli kull kelma li tkun interpretata mill-ġdid bl-ideat iffurmati minn qabel tal-persuna li tkun qed taqra l-kliem. Fl-aħħar, dan iwassal għal kollass tal-komunikazzjoni, billi l-istess kliem fl-istess kuntest ikun jista' jfisser ħwejjeġ differenti għal nies differenti.

Ħafna mill-hekk imsejħa 'Church Fathers' aċċettaw il-jiem bħala jiem ordinarji. Huwa minnu wkoll li xi wħud minn dawn ma għallmux il-*jiem* tal-ħolqien bħala jiem ordinarji—imma ħafna minnhom kienu ġew influwenzati mill-filosofija Griega, li kkawżathom biex jinterpretaw il-jiem bħala allegoriċi. Xi wħud illum ukoll inqabdu f'dan l-iżball, fejn xi wħud igħidu li Alla ma ***ħax*** żmien ta' sitt ijiem.

B'hekk, il-'jiem' mhux letterali irriżul-taw minn influwenzi extra-Bibliċi (jiġifieri, influwenzi ***barra*** mill-Bibbja) u mhux mill-kliem tal-Bibbja!

Dan ir-resqan affettwa l-mod li nies jin-terpretaw l-Iskrittura sa dan il-jum. Kif qal Luteru: "Il-Jiem tal-Ħolqien kienu jiem ordinarji fit-tul. Aħna għandna nifhmu li dawn il-jiem kienu jiem attwali (*veros dies*), kuntrarju għal l-opinjoni tal-Missirijiet tal-Knisja. Kull meta aħna

nosservaw li l-opinjonijiet tal-Missirijiet ma jaqblux ma' l-Iskrittura,. . . aħna ma nitbegħdux mill-Iskrittura minħabba fihom."

**Mexxejja moderni tal-Knisja**

Ħafna mexxejja moderni tal-knisja llum ***ma*** jaċċettawx il-jiem tal-ħolqien bħala jiem ordinarji tad-dawrien tad-Dinja. Madankollu, meta r-raġunijiet tagħhom ikunu investigati, aħna nsibu li influwenzi minn ***barra*** l-Iskrittura (partikolarment twemmin f'univers ta' biljuni ta' snin) huma l-kawża finali.

Ripetutament, mexxejja bħal dawn jammettu li Ġenesi kapitlu wieħed, meħud f'mod sinċier, jidher li jgħallem sitt ijiem ordinarji. Imma mbagħad huma jgħidu li dan ma jstax ikun, minħabba ż-żmien ta' l-univers, jew minħabba xi raġuni oħra!

Ikkonsidra l-kwotazzjonijiet li ġejjin minn skulari tal-Bibbja li huma kkunsidrati li huma konservattivi, madankollu ma jaċċettawx il-jiem tal-ħolqien bħala jiem ordi-narji:

> 'Minn qari superfiċjali ta' Ġenesi 1, l-impressjoni tkun tidher li hi li l-proċess kollu kemm hu kreattiv sar f'sitt ijiem ta' erbgħa u għoxrin siegħa … dan jidher li jmur kontra r-riċerka xjentifika moderna, li tindika li l-pjaneta Dinja kienet maħluqa bosta biljuni ta' snin ilu…' (Archer, G.L., 1994).
>
> '… Aħna wrejna l-possibbiltà ta' Alla ħalaq l-art u l-ħajja tagħha f'ser-je ta' jiem kreattivi jirrappreżentaw perjodi twal. B'ħarsa lejn l-età apparenti ta' l-art, dan mhuwiex possibbli—huwa prob-abbli.' (Boice J.M., 1982.)

Huwa bħallikieku dawn it-teologi jaraw in-'natura' bħala s-'67 ktieb tal-Bibbja', għalkemm b'aktar awtorità mis-66 ktieb miktuba. Ikkon-sidra l-kliem ta' Charles Ha-ddon Spurgeon fl-1877:

> 'Aħna mistiedna, ħuti, b'serjetà kbira biex nitbiegħdu mit-twem-min antik ta' missirijietna minħabba s-sejbiet ipproponuti tax-xjenza. X'inhi xjenza? Il-metodu li bih il-bniedem jipprova biex jaħbi l-injoranza tiegħu. M'għandux ikun hekk, imma hekk hu. Intom m'għandkomx tkunu dommattiċi fit-teoloġija, ħuti, huwa ħażin; imma għal nies xjentifiċi hija l-ħaġa korretta. Inti qatt m'għandek issostni xi ħaġa b'qawwa kbira; imma xjenzati jist-għu isostnu bil-qawwa dak li huma ma jistgħux jippruvaw, u jistgħu jitolbu fidi bil-wisq aktar li wieħed jibla' kull ma jgħid-ulu minn kull ħaġa li aħna nippossiedu. Bla dubju ta' xejn int u jien

għandna nieħdu l-Bibbji tagħna u niffurmaw u nimmu-dellaw it-twemmin tagħna skond it-tagħlim dejjem jinbidel ta' l-hekk imsejħa nies xjentifiċi. Xi bluha hija din! Għaliex, il-mixja tax-xjenza, imsejħa hekk b'mod falz, matul id-dinja tista' tkun ittraċċjata b'falzitajiet sploduti u teoriji abbandunati. Esploraturi ta' qabel darba adurati illum huma rredikolati; it-tifrik kontinwu ta' ipotesi foloz huwa kustjoni ta' notorjetà universali. Inti tista' tgħid fejn l-imgħallmin ikkampjaw bil-fdal imħolli wara ta' sup-pożizzjonijiet u teoriji bi kwantità daqs kemm hemm fliexken miksura' (Spurgeon, C.H. 1877. *The Sword and the Trowel,* p. 197).

Dawk li jużaw xjenza storika (kif ipproponut min-nies li meta wieħed jikkunsidra kollox jinjoraw ir-rivelazzjoni miktuba ta' Alla) biex jinterpretaw il-Bibbja, ħalli jgħallmuna ħwejjeġ dwar Alla, għand-hom l-affarijiet lura għal quddiem. Billi aħna qegħdin naqgħu, kreaturi fallibbli, aħna neħtieġu l-Kelma miktuba ta' Alla, illuminata mill-Ispirtu s-Santu, biex nifhmu sewwa l-istorja naturali. It-teologu siste-matiku Berkof qal,

> '…Sa mid-dħul tad-dnub fid-dinja, il-bniedem jista' jiġbor għar-fien tas-sew dwar Alla mir-rivelazzjoni ġenerali Tiegħu biss jekk hu jistudjaha fid-dawl ta' l-Iskrittura, li fiha l-elementi tar-rivel-azzjoni oriġinali ta' Alla Nnifsu, li kienet imċajpra u mħassra bit-taħsir tad-dnub, hija ppubblikata mill-ġdid, ikkorreġuta, u intrer-pretata….Xi wħud huma inklinati biex jitkellmu dwar ir-rivel-azzjoni ġenerali ta' Alla bħala t-tieni sors; imma dan bil-kemm hu korrett b'ħarsa lejn il-fatt li n-natura tista' tiġi fil-konsider-azzjoni hawn biss kif interpretata fid-dawl ta' l-Iskrittura' (Ber-kof, Louis, Introductory volume to *Systematic Theology*, pp. 60, 96).

Fi kliem ieħor, il-Kristjani għandhom jibnu l-ħsieb tagħhom fuq il-Bibbja, mhux fuq ix-'xjenza,' kif fil-fatt jagħmlu xi wħud, li minn għalihom, illi għaliex xi xjenzat qal lis-sitt ijiem mhumiex jiem ta' 24 siegħa allura jibdew igħallmu dak it-tagħlim falz huma ukoll!

**Il-Kristjani għandhom jibbażaw il-ħsieb tagħhom fuq il-Bibbja.**

Biex nifhmu t-tifsira ta' 'jum' f'Ġenesi 1, aħna neħtieġu li niddeter-

minaw kif il-kelma Ebrajka għal 'jum' *yom*, hija wżata fil-kuntest ta' l-Iskrittura.

- Konkordanza tipika tillustra li *yom* jista' jkollha diversi tifsiriet: perjodu ta' dawl kif f'kuntrast għal lejl, perjodu ta' 24 siegħa, żmien, punt ta' żmien speċifiku, jew sena.
- Lessiku klassiku, u rrispettat ħafna Ebrajk-Ingliż (Brown, Driver and Briggs, 1951, *A Hebrew and Englsih Lexicon of the Old Testament*) għandu seba' sottotitli għat-tifsira ta' *yom*—imma jiddefinixxi l-jiem tal-ħolqien bħala jiem ordinarji taħt it-titlu 'day as defined by evening and morning', jiġifieri, "ġurnata kif iddefinixxuta permezz ta' fil-għaxija u filgħodu."
- Numru u l-frażi 'l-għaxija u l-għodu' huma wżati għas-sitt ijiem tal-ħolqien (Ġenesi 1:5,8,13,19,23,31).
- Barra Ġenesi 1, *yom* hija wżata ma' numru 410 darba, u kull darba din tfisser jum ordinarju. Għaliex mela Ġenesi 1 għandu jkun l-eċċezzjoni?
- F'Ġenesi 1:5, *yom* tiġri fil-kuntest mal-kelma 'dawl'. Barra minn Ġenesi 1, 'lejl' hija wżata ma' *yom* 53 darba—u kull darba din tfisser jum ordinarju. Għaliex Ġenesi 1 għandu jkun l-eċċezzjoni? Ukoll l-użu tal-kelma 'dawl' ma' *yom* f'dan il-passaġġ tiddetermina t-tifsira bħala jum ordinarju.
- Il-plural ta' *yom*, li ma jidhirx f'Ġenesi 1, ***jista' jkun*** użat biex jikkomunika perjodu itwal ta' żmien, eżempju, 'f'dawk il-jiem'. Iżżid numru hawn ikun bla sens. Biċ-ċar, f'Eżodu 20:11 fejn numru huwa wżat ma' *jiem*, dan mingħajr l-ebda ambigwità jirreferi għal sitt ijiem ta' dawrien tad-dinja.
- Hemm kliem fl-Ebrajk Bibliku (bħal *olam* jew *qedem*) li huma adattati ħafna biex jikkomunikaw perjodi twal ta' żmien, jew żmien indefinit, imma *ebda waħda* minn dan il-kliem ma hija wżata f'Ġenesi 1 (Stambaugh, Ref. 10, pp. 73 -74, Grigg, Russell, 1996). Alternattivament, il-jiem jew snin setgħu kienu mqabbla ma' frak tar-ramel li kieku perjodi twal kienu mfissra.
- Dr. James Barr (Professur ta' l-Ebrajk, fl-Università ta' Oxford), li huwa nnifsu ma jemminx li Ġenesi huwa storja vera, madankollu jammetti sakemm il-lingwa ta' Ġenesi 1 hija kkonċernata li: "…sa fejn naf jien, ma hemm ebda professur ta' l-Ebrajk jew tat-Testment il-Qadim f'xi università ta' klassi tal-kliem li ma jemminx li l-kittieb/a ta' Ġen. 1-11 intenzjonaw li jwasslu lill-qarrejja tagħ-hom

l-ideat li:

(a) l-ħolqien sar f'serje ta' sitt ijiem li kienu l-istess bħall-jiem ta' 24 siegħa li issa aħna nesperjenzaw.
(b) Il-figuri li jinsabu fil-ġenealoġiji ta' Ġenesi ipprovdew b'sempliċiment addizzjoni kronoloġija mill-bidu tad-dinja sa stadji aktar wara fl-istorja Biblika.
(c) Id-Dulluvju ta' Noè kien mifhum li kien globali u qered il-ħajja kollha umana u ta' l-annimali barra minn dawk fl-arka.' (Barr, James, 1984, Letter to David C.C. Watson, April 23).

Bl-istess mod, il-Professur liberali tas-seklu dsatax Marcus Dods, New College, Edinburgh, qal:

'…jekk, eżempju, il-kelma "jum" f'dawn il-kapitli ma tfissirx perjodu ta' erbgħa u għoxrin siegħa, l-interpretazzjoni ta' l-Iskrittura hija bla tama.' (Dods, M. 1997)

**Konklużjoni dwar 'jum' f'Ġenesi 1**

Jekk aħna ippreparati li nħallu l-kliem tal-lingwa jitkellem għalina skond il-kuntest u d-definizzjonijiet normali, mingħajr ma nkunu influwenzati minn ideat barrannin, imbagħad il-kelma għal 'jum' f'Ġenesi 1—li hija kkwalifikata b'numru, il-frażi '*l-għaxija u l-għodu*', u għal jum wieħed il-kliem '*nhar u dlam*'—***ovvjament*** tfisser jum ordinarju (madwar 24 siegħa).

Fiż-żmien ta' Martin Luther, xi wħud mill-missirijiet tal-knisja kienu qegħdin igħidu li Alla ħalaq kollox f'jum wieħed biss, jew f'daqqa waħda. Martin Luther kiteb:

'Meta Mosè jikteb li Alla ħalaq is-Sema u l-Art u kulma hemm fihom f'sitt ijiem, mela ħalli dan il-perjodu jkompli li kien sitt ijiem, u la tissograx biex tivvinta xi kumment skond liema sitt ijiem kienu jum wieħed. Imma, jekk inti ma tistax tifhem kif dan sata' jsir f'sitt ijiem, allura agħti lil l-Ispirtu s-Santu l-unur li jkun aktar għaref minnek. Għaliex int għandekk tittratta ma' l-Isakrittura b'tali mod li inti żżomm f'moħħok li Alla Nnifsu jgħid x'inhu miktub. Imma billi Alla qiegħed jitkellem, mhuwiex tajjeb għalik li kapriċċjożament iddawwar il-Kelma Tiegħu fid-direzzjoni li inti tixtieq li tmur fiha' (Plass, Ref. 3, p. 1523).

## GĦALIEX SITT IJIEM?

Eżodu 31:12 igħid li Alla kkmanda lil Mosè biex igħid lil ulied Iżrael:

> "***F' sitt ijiem*** *isir ix-xogħol; iżda* ***s-seba' jum*** *hu Sibt ta' mistrieħ għalkollox, imqaddes lil Yaħweh: kull min jagħmel xi xogħol* ***nhar ta' sibt****, żgur jieħu l-mewt. Iħarsu għalhekk ulied Iżrael* ***is-Sibt****, biex iżommu* ***s-Sibt*** *f'kull nisel tagħhom, b'għaqda ta' dejjem. Hu sinjal bejni u bejn ulied Iżrael għal dejjem: għax* ***f' sitt ijiem*** *il-Mulej għamel is-sema u l-art, u* ***fis-seba' jum*** *strieħ, u ħa n-nifs.*"

Imbagħad Alla ta lil Mosè żewġ tabelli tal-ġebel li fuqhom kien hemm miktubin il-kmandamenti ta' Alla, miktuba b'suba Alla (Eżodu 31:18).

Billi Alla Hu infinit fis-setgħa u fil-għerf, ma hemm l-ebda dubju li Hu kien jista' joħloq l-univers u dak kollu li jinsab fih f'ebda ħin ta' xejn, jew f'sitt sekondi, jew f'sitt minuti, jew f'sitt siegħat—wara kollox, *m'hemm xejn li ma jistax ikun għal Alla* (Luqa 1:37).

Iżda, l-mistoqsija li wieħed jistaqsi hija, "Għaliex Alla ħa daqshekk żmien? Għaliex ħa sitt ijiem? It-tweġiba hija wkoll mogħtija f'Eżodu 20:11, u dik it-tweġiba hija l-bażi tar-raba' kmandament:

> *"Għax f'sitt ijiem Yaħweh għamel is-sema u l-art, il-baħar, u kulma hemm fihom, u strieħ fis-seba' jum: għalhekk bierek Yaħweh jum is-Sibt, u qaddsu."*

Il-ġimgħa ta' sebat ijiem m'għandha ebda bażi barra mill-Iskrittura. F'dan il-passaġġ tat-Testment il-Qadim, Alla jikkmanda lill-poplu Tiegħu Iżrael, biex jaħdem sitt ijiem u jistrieħ jum wieħed—raġuni waħda għaliex Hu deliberatament dam sitt ijiem biex joħloq kollox. Alla qiegħed l-eżempju għall-bniedem. Il-ġimgħa tagħna hija mmudellata wara dan il-prinċipju. Issa kieku Hu ħalaq kollox f'sitt elef sena, jew f'sitt mil-jun sena, segwiti b'mistrieħ ta' elf jew miljun sena, allura aħna jkollna ġimgħa interessanti tassew!

Xi wħud igħidu li Eżodu 20:11 huwa biss analoġija fis-sens li l-bniedem għandu jaħdem u jistrieħ—mhux li dan kien biex ifisser sitt ijiem letterali ordinarji segwiti b'jum wieħed letterali ordinarju. Iżda, skulari tal-Bibbja kienu wrew li dan il-kmandament 'ma jużax ħsieb analogu jew arċetipiku imma li l-enfasi tiegħu "tintqal f'termini tal-imitazzjoni ta' Alla jew preċedent divin li għandu jkun segwit'" (Hasel, Ref. 2, p. 29). Fi kliem ieħor, l-istess kif Alla ħadem għal sitt ijiem u

stieħ għal jum wieħed.

Xi wħud argumentaw li '*s-sema u l-art*' hija biss l-Art u fosri s-sistema solari, mhux l-univers kollu. Iżda, Dan il-vers igħid ċar li Alla għamel **kollox** f'sitt ijiem—sitt ijiem ordinarji konsekuttivi, l-istess bħall-kmandament fil-vers ta' qabel biex taħdem għal sitt ijiem konsekuttivi.

Il-frażi 'sema (smewwiet) u art' fl-Iskrittura hija eżempju ta' kliem rettoriku msejjaħ *merism*, fejn żewġ opposti huma mqiegħda flimkien f'kunċett wieħed li jiġbor kollox, f'dan il-każ it-totalità tal-ħolqien. Analiżi lingwistika tal-kliem 'sema (smewwiet) u art' fl-Iskrittura turi li dawn jirreferu għat-totalità tal-ħolqien kollu (il-Lhud ma kellhomx kelma għal 'univers'). Per eżempju, f'Ġenesi 14:19 Alla hu msejjaħ '*Ħallieq is-sema u l-art.*" F'Ġeremija 23:24 Alla jitkellem Dwaru Nnifsu bħala li jimla "*s-sema u l-art*". Ara wkoll Ġenesi 14:22; 2 Slaten 19:15; 2 Kronaki 2:12; Salmi 115:15; 121:2; 124:8; 134:3; 146:6; Isaija 37:16.

Għalhekk ma hemm ebda mandat Skritturali biex tillimita Eżodu 20:11 għal l-Art u l-atmosfera tagħha, jew is-sistema solari weħidha. Mela Eżodu 20:11 juri li l-univers kollu kien maħluq f'sitt ijiem ordinarji.

## HEMM XHIEDA LESSIKALI U ESEĠETIKA BIEX TAPPOĠĠJA T-TEORIJA MSEJĦA "DAY-AGE THEORY"?

**F'Ġenesi 1:1-31** għandna r-rakkont tal-jiem tal-ħolqien fejn naqraw hekk:

"*Fil-bidu Elohim ħalaq is-sema u l-art. U l-art kienet bla forma, u ma kien fiha xejn; u dlamijiet kienu fuq wiċċ l-abbiss. U l-Ispirtu ta' Alla kien jittajjar fuq wiċċ l-ilmijiet. U Alla qal: Ħa jkun hemm id-dawl: u kien hemm id-dawl. U Alla ra d-dawl, li kien tajjeb: u Alla fired id-dawl mid-dlam. U* ***Alla semma d-dawl Nhar****, u* ***d-dlam semmieh Lejl****. U* ***l-għaxija*** *u* ***l-għodu*** *kienu* ***l-ewwel jum****. U Alla qal: Ħa jkun hemm firxa f'nofs l-ilmijiet, u ħalli tifred l-ilmijiet mill-ilmijiet. U Alla għamel il-firxa, u fired l-ilmijiet li kienu taħt il-firxa, u fired l-ilmijiet li kienu fuq il-firxa: u hekk kien. U Alla semma l-firxa Sema. U* ***l-għaxija*** *u* ***l-għodu*** *kienu* ***t-tieni jum****. U Alla qal: Ħalli l-ilmijiet ta' taħt is-sema jinġemgħu f'naħa waħda, u ħalli l-art*

*niexfa tidher: u hekk kien. U Alla semma l-art niexfa Art: u l-ġemgħa ta' l-ilmijiet semma Ibħra: u Alla ra li dan kien tajjeb. U qal Alla: Ħalli l-art tnibbet ħdura, ħaxix jagħmel iż-żerriegħa, u siġar tal-frott li jagħmlu frott skond ġenshom b'żergħatu fih, fuq l-art: u hekk kien. U l-art nibbtet ħdura, u ħaxix jagħmel żergħat, skond ġensu, u siġar jagħmlu l-frott, b'żergħatu fih, skond ġensu: U Alla ra li dan kien tajjeb. U **l-għaxija** u **l-għodu** kienu **t-tielet jum**. U Alla qal: Ħa jkun hemm daw-waliet fil-firxa tas-sema, biex jifirdu **n-nhar** mil-**lejl**: u ħalli jkunu ta' sinjali, u biex jagħżlu **l-istaġuni**, u **l-jiem**, u **s-snin**: U ħa jkunu ta' dawwaliet fil-firxa tas-sema biex jagħtu d-dawl fuq l-art: u hekk kien. U Alla għamel żewġ dawwaliet kbar: id-dawwala l-kbira biex taħkem **in-nhar**, u d-dawwala ż-żgħira biex taħkem **il-lejl**: hu għamel il-kwiekeb ukoll. U Alla qegħi-dhom fil-firxa tas-sema biex jagħtu d-dawl fuq l-art. U biex jaħkmu fuq **in-nhar** u fuq **il-lejl**, u biex jifirdu d-dawl mid-dlam: u Alla ra li dan kien tajjeb. U **l-għaxija** u **l-għodu** kienu **r-raba' jum**. U Alla qal: Ħalli l-ilmijiet jiżegħdu bi ħlejjaq ħajjin, u tjur li jittajru fuq l-art fil-beraħ tal-firxa tas-sema. U Alla ħalaq il-mostri kbar tal-baħar u kull ħlieqa ħajja li titkax-kar, li żiegħdu l-ilmijiet, skond ġenshom, u t-tjur kollha bil-ġwienaħ skond ġenshom: u Alla ra li dan kien tajjeb. U Alla berikhom, billi qal: Ferrgħu, u oktru, u imlew l-ilmijiet fl-ibħra, u ħa joktru t-tjur fuq l-art. U **l-għaxija** u **l-għodu** kienu **l-ħames jum**. U Alla qal: Ħalli l-art tnissel ħlejjaq ħajjin skond ġenshom, bhejjem, u ħlejjaq li jitkaxkru, dbejjeb ta' l-art skond ġenshom: u hekk kien. U Alla għamel id-dbejjeb ta' l-art skond ġenshom, u l-bhejjem skond ġenshom, u l-kull ħlieqa li titkax-kar fuq l-art skond ġensha: u Alla ra li dan kien tajjeb. U Alla qal: Ħalli nagħmlu l-bniedem fuq xbihietna, u fuq suritna, u ħa jkollhom ħakma fuq il-ħut tal-baħar, u fuq l-art kollha, u fuq kull ħlieqa li titkaxkar fuq l-art. Hekk Alla ħalaq il-bniedem fuq ix-xbieha tiegħu: fuq ix-xbieha ta' Alla ħalqu; raġel u mara ħalaq-hom. U Alla berikhom, u qalilhom Alla: Nisslu, u oktru, u imlew l-art, u aħkmuha; u saltnu fuq il-ħut tal-baħar, u fuq it-tjur ta' l-ajru, u fuq il-ħlejjaq kollha li jitħarrku fuq l-art. U Alla qal: Ara, tajtkom il-ħaxix kollu li jagħmel iż-żerriegħa, li qie-għed fuq wiċċ l-art kollha, u s-siġar kollha, li jagħmlu frott is-*

*siġar biż-żerriegħa: lilkom ikunu ta' ikel. U lil kull bhima ta' l-art, u lil kull tajra tas-sema, u lil kull ħlieqa li titkaxkar fuq l-art, li fiha hemm il-ħajja, jien tajt il-ħaxix kollu b'ikel: u hekk kien. U Alla ra kulma għamel, u, ara, kien tajjeb wisq. U* ***l-għaxija*** *u* ***l-għodu*** *kienu* ***s-sitt jum****.*"

F'**Ġenesi 2:1-2** naqraw dwar it-tmiem tal-ħolqien ta' Alla **fis-seba' jum**:

"*Hekk kienu mitmumin is-smewwiet u l-art, u l-eżerċtu tagħhom kollu. U* ***fis-seba' jum*** *Alla temm xogħlu li kien għamel: u strieħ* ***fis-seba' jum*** *mix-xogħol tiegħu kollu li kien għamel.*"

F'Numri kapitlu 7 hemm punt li dawk li jħaddnu dik it-teorija falza ta' "qabża ta' żmien bejn il-jiem" tal-ħolqien għandhom jirriflettu. F'Numri 7, wara lit-tabernaklu kieni mwaqqaf, il-mexxejja tat-tnax-il tribù ġabu offerti għad-dedikazzjoni ta' l-artal. Ir-rakkont igħid li offerti kienu offruta "fl-ewwel jum" (v. 12), "fit-tieni jum: (v. 18), "fit-tielet jum: (v. 24), u jkompli sat-tnax-il jum (v. 78). Aqra li ġej:

**Numri 7:11, 12, 18, 24, 30, 36, 42, 48, 54, 60, 66, 72, 78**:

"[11]*U Yaħweh qal lil Mosè: Jagħtu l-offerti tagħgħom, kull mexxej* ***fil-jum*** *li jmissu, għad-dedika ta' l-artal.* [12]*U dak li ta l-offerta* ***tiegħu l-ewwel jum****, kien Naħasson, bin Għammi-nadab, mit-trib) ta' Ġuda: ...*[18]***It-tieni jum****, Netanjel bin Sugħ-ar, mexxej ta' Issakar, ġieb l-offerta tiegħu:...* [24]***It-tielet jum****, Elijab bin Ħelon, il-mexxej ta' bin Żebulun, ġieb l-offerta tiegħu:...* [30]***Ir-raba' jum****, Elisur bin Sedwer, il-mexxej ta' ulied Ruben, ġieb l-offerta tiegħu:...*[36]***Il-ħames jum****, Salamjel, bin Surisaddaj, il-mexxej ta' wlied Simgħon, ġieb l-offerta tiegħu: ...* [42]***Is-sitt jum****, Eljasaf bin Dugħwel, il-mexxej ta' wlied Gad, ġieb l-offerta tiegħu:...* [48]***Is-seba' jum****, Elisama bin Għammi-ħud, il-mexxej ta' wlied Efrajm, ġieb l-offerta tiegħu: ...* [54]***It-tmien jum****, offra Gamaljel bin Pedaħsur mexxej ta' wlied Ma-nasse:* [60]***Id-disa' jum****, Abidan bin Gidegħoni, mexxej ta' wlied Benjamin,...ġieb l-offerta tiegħu:...*[66]***Il-għaxar jum****, Aħigħe-żer, bin Għammisaddaj, mexxej ta' wlied Dan, ġieb l-offerta tiegħu:...* [72]***Il-ħdax-il jum****, Pagħijel bin Għokran, mexxej ta' wlied Aser, ġieb l-offerta tiegħu: ...* [78]***It-tnax-il jum****, Aħira bin Għenan, mexxej ta' wlied Naftali, ġieb l-offerta tiegħu.*"

<u>Eżodu 31:17</u>:

"***F' sitt ijiem*** *isir ix-xogħol; iżda* ***s-seba' jum*** *hu Sibt ta' mistrieħ għalkollox, imqaddes lil Yaħweh: kull min jagħmel xi xogħol* ***nhar ta' sibt****, żgur jieħu l-mewt. Iħarsu għalhekk ulied Iżrael* ***is-Sibt****, biex iżommu* ***s-Sibt*** *f'kull nisel tagħhom, b'għaqda ta' dejjem. Hu sinjal bejni u bejn ulied Iżrael għal dejjem: għax* ***f'sitt ijiem*** *il-Mulej għamel is-sema u l-art, u* ***fis-seba' jum*** *strieħ, u ħa n-nifs.*"

<u>Eżodu 20:8-11</u>:

"*Ftakar* ***<u>f'jum</u>*** ***is-Sibt****, biex tqaddsu.* ***<u>Sitt ijiem</u>*** *taħdem, u tagħmel ix-xogħol tiegħek kollu: Imma* ***<u>s-seba' jum</u>*** *hu Sibt għal Yaħweh, Alla tiegħek: fih la tagħmel ebda xogħol: la int, la ibnek, la bintek, la l-qaddej tiegħek, la qaddejja tiegħek, la l-bhejjem tiegħek, u la l-għarib li jgħammar 'il ġewwa minn bwiebek.* ***Għax <u>f'sitt ijiem</u> Yaħweh għamel is-sema u l-art, il-baħar, u kulma hemm fihom, u strieħ <u>fis-seba' jum</u>****: għal-hekk bierek Yaħweh* ***<u>jum</u>*** *is-Sibt, u qaddsu.*" (Ara wkoll Dew-teronomju 5: 12-14).

<u>Salm 33:6-9</u>:

"***Bil-kelma tal-Mulej kienu magħmulin*** *is-smewwiet; u l-eżerċtu tagħhom kollu bin-nifs ta' fommu. Hu jiġbor l-ilmijiet tal-baħar qishom f'munzell, u l-abbissi iqegħidhom f'imħażen. Ħa tibża' d-dinja kollha minn Yaħweh: u ħa jitbeżża' minnu kull min jgħix fuq l-art.* ***Għax hu tkellem, u hi kienet maħluqa; hu ordna, u hi twaqqfet.***"

<u>Salm 148:2-6</u>:

"*Faħħruh, anġli tiegħu kollha: faħħruh, eżerċti tiegħu kollha! Faħħruh, xemx u qamar: faħħruh, kwiekeb kollha li tiddu. Faħħruh, smewwiet tas-smewwiet, u intom il-mijiet ta' fuq is-smewwiet! Ħa jfaħħru dawn isem Yaħweh:* ***għax hu ikkmanda, u huma nħolqu****. Hu waqqafhom ukoll għal dejjem ta' dejjem: tahom ordni li ma tinkiser qatt.*"

<u>Eżodu 31:17</u>:

"*Hu sinjal bejni u bejn ulied Iżrael għal dejjem:* ***għax f'sitt ijiem il-Mulej għamel is-sema u l-art****, u* ***fis-seba' jum*** *strieħ, u ħa n-nifs.*"

F'li neżaminaw jekk hemmx jew ma hemmx appoġġ lessikali u eseġetiku għal hekk imsejħa "Day-Age Theory," il-mistoqsija għandha tkun magħmula: "Jekk l-awtur ta' Ġenesi ried li jagħti struzzjoni lill-qarrejja tiegħu fuq il-fatt li l-ħwejjeġ kollha kienu maħluqin f'sitt ijiem letterali, xi kliem hu kien juża biex iwassal ħsieb bħal dan?"

Henry Morris issuġġerixxa:

> …il-kittieb kieku kien juża l-kliem attwali f'Ġenesi 1. Kieku hu xtaq li jwassal l-idea ta' żminijiet twal ġeoloġiċi, iżda, hu kien ċertament jista' jagħmel dan wisq aktar ċar u effettiv fi kliem ieħor minn dak li hu għażel. Kienet ċara l-intenzjoni tiegħu biex igħallem ħolqien f'sitt ijiem letterali.
>
> Għalhekk, l-uniku mod xieraq biex tinterpreta Ġenesi 1 huwa li ma "tinterpretah" xejn. Dan ifisser, li aħna naċċettaw il-fatt li dan kien ifisser biex igħid eżattament dak li hu jgħid. Il-"jiem" huma jiem letterali u l-ġrajjiet imfissra ġraw sewwasew fil-mod imfissra (1976, p. 54).

It-tieni mistoqsija li wieħed għandu ja-għmel hija din: "Hemm xhieda lessikali u *eseġetika* biex tappoġġja li l-jiem tal-ħolqien għandhom ikunu interpretati bħala epoki ta' żmien? L-aktar konfutazzjoni magħmula bir-reqqa tat-teoriji "Day-age" u "Gap Theory" huwa l-ktieb li jġib l-isem, *Unformed and Unfilled* minn Weston W. Fields. F'dak il-volum, Dr. fields jindirizza n-nuqqas kollu ta' xhieda—mit-test Bibliku nnifsu—għat-teorija "Day-Age."

> Mat-Teorija "Gap" it-Teorija "Day-Age" taqsam il-vantaġġ li tħalli ammonti bla limitu ta' żmien. Imma din għandha wkoll vantaġġ lit-Teorija "Gap" m'għandiex: Din tħalli lill-ġeologu s-**sekwenza** li huwa jrid (nassumu li hu jinjora s-sekwenzi Bibliċi), u din tħalli lill-bijologu li jkollu evoluzzjoni parzjali jew kompluta. Iżda, din ukoll taqsam żvantaġġ wieħed mat-Teroija "Gap" —tabilħaqq, din tisboq it-Teorija "Gap" f'dan id-dettall: din tistrieħ fuq evidneza eseġetika skarsa ħafna. L-assenza lessika li fuqha hija bbażata hija kważi li ma titwemminx; konsegwentament aħna għandna nikkonkludu li din toħroġ minn suppożizzjonijiet — fatt trasparenti ukoll għall-qarrej każwali (1976, pp. 156-166, enfasi fl-oriġinal).

Fields imbagħad ikompli biex jippreżenta x-xhieda lessikali.

…Kif fil-każ ta' problemi oħra li jinvolvu tifsir ta' kliem, l-istudju tagħna għandu jibda bil-lessikografija Ebrajka. Kważi d-difensuri kollha tat-teorija jonqsu, madankollu, biex jagħtu xi appoġġ lessiku għat-teorija. Il-qarrej huwa mħolli kompletament mingħajr l-ebda informazzjoni dwar l-użu ta' *yom* (jum) fit-Testment il-Qadim. Għalhekk, taħt għandha lista ta' sommarju komplut kemm ta' Brown, Driver, u ta' Briggs kif ukoll ta' kif Koehler u Baumgartner jagħmlu l-lista. Xejn inqas minn eżami **komplut** tax-xhieda ma jkun biżżejjed. Fil-lessiku ta' Brown, Driver, u Briggs, hemm seba' tifsiriet primarji għal *yom* (jum), b'diversi sottotitli:

1. Jum, l-oppost ta' lejl. Imniżżla taħt dan it-titlu huma Ġenesi 1:5, 15, 16, 18.
2. Jum, bħala diviżjoni ta' żmien.
   a. ġurnata tax-xogħol.
   b. vjaġġ ta' jum.
   c. biex juri diversi atti jew stati bħal sebat ijiem, Ġenesi 7:4.
   d. jum kif imfisser b'għaxija u għodu. Imniżżla hawn huma Ġenesi 1:5, 8, 13, 19, 23, 31.
   e. jum tax-xahar.
   f. jum imfisser bis-sostantiv (li għandu eżistenza separata u indipendenti), infinit (li jesprimi azzjoni) eċċ., bħal il-jum "tas-silġ."
   ġ. jiem partikulari mfissra b'isem proprju ta' post, bħal il-Jum tas-Sibt (Sabbath).
   g. il-jum tiegħek, tiegħu, jew ta-għhom bħal fis-sens tal-jum tad-diżastru jew mewt: "il-jum tiegħek ġie."
3. Il-jum ta' Yaħweh, bħala ż-żmien tal-miġja Tiegħu fil-ħaqq.
4. Il-jiem ta' xi ħadd, li huma egwali għall-ħajja tiegħu, jew l-età tiegħu: "avvanzat fil-jiem."
5. Jiem
   a. Indefinit: xi jiem, ftit jiem.
   b. żmien twil: "ħafna jiem."

c. Jiem ta' l-antik: żminijiet ta' qabel jew antiki.

6. Żmien

a. b'mod ċar f'sens ġenerali bħal fiż-"żmien tal-ħsad."

b. użata f'appożizzjoni (tqegħid ħdejn) għal espressjonijiet oħra ta' żmien, bħal "xahar ta' jiem" huwa egwali għal "xahar ta' żmien."

c. Jiem ta' l-antik: żminijiet ta' qabel jew antiki.

7. Użata fi frażijiet bi perpożizzjonijiet jew mingħajrhom.

a. bħal bl-artiklu definit, tfisser, "illum."

b. Fl-espressjoni "u l-jum illi," tfisser "meta."

c. F'espressjoni bħal "ara, l-jiem ġejjin."

d. F'sintassi qabel il-verbi, kemm letteralment, **il-jum ta'** u (spiss) f'sens ġenerali—**iż-żmien ta'** (bil-qawwa u mimlija tirrappreżenta l-att ċar ta' jum wieħed). Taħt din id-definizzjoni hemm imniżżel Ġenesi 2:4.

e. ġurnata b'ġurnata (*yom yom*).

f. f'espressjonijiet bħal "il-jiem kollha" tfisser dejjem, kontinwament.

ġ fi frażi addizzjonali b'*bet* li tfisser **f'**jum partikulari.

g. bil-*kap*, tfisser bħala, bħall-jum.

għ. bil-*lamed,* tfisser fuq jew f'dak il-jum.

h. bil-*min* tfisser mindu l-jum jew mill-jum.

ħ. bil-*lemin* tfisser mindu l-jum.

i. bil-*'ad*, tfisser sal-jum.

j. bil-*'al*, tfisser fil-jum.

Koehler u Baumgartner iniżżlu l-użu ta' *yom* taħt għaxar titli differenti

1. Jum, dawl tal-jum jiddi, kif oppost għal lejl.
2. Jum, ta' 24 siegħa. Imniżżel taħt it-titlu hemm Ġenesi 1:5.
3. Jien speċjali, bħal "jum tal-prosperità," jew "il-jum ta' l-avversità."

4. Il-jum ta' Yaħweh.
5. Plural jew jum, bħal "sebat ijiem."
6. Plural ta' jum, bħal "il-jiem tas-snin ta' ħajtek."
7. Plural ta' jum fl-użu biex jirreferi għal xahar jew sena.
8. Doppju, bħal l-espressjoni, "jum jew tnejn."
9. Bl-artiklu, "dak il-jum."
10. Bi prepożizzjoni bħal *bet*, "fil-jum," jew "meta."

Issa **dawn** huma t-tifsiriet li jagħtu l-lessikoni (jew dizzjunarji). Għall-qarrej li hu interessat fix-xhieda **kollha**, hawn hi. Aħna għandna immedjatament inqajmu l-mistoqsija: fejn huwa l-appoġġ lessiku biex tidentifika l-jiem ta' Ġenesi bħala **perjodi twal ta' żmien**? 'Il bogħod ħafna milli jappoġġjaw il-ħsieb li l-jiem tal-ħolqien f'Ġenesi 1 huma żminijiet kbar, jinfirxu, forsi, aktar minn miljuni ta' snin, il-lessikoni jissuġġerixxu li "jum," kif użat biex jirreferi għall-ħolqien huwa ta' tul ta' 24 siegħa normali. Din hija l-interpretazzjoni **naturali** (1976, pp. 169-172. enfasi fl-oriġinal).

Ix-xhieda li tappoġġja l-jiem tal-ħolqien ikunu perjodi ta' 24 siegħa hija kbira wisq, kif Fields iddokumenta bl-abbundanza. B'żieda għal dik ix-xhieda, aħna sejrin noffru l-konsiderazzjonijiet li ġejjin.

## XHIEDA LI TISSOSTANZJA L-JIEM TA' ĠENESI 1 BĦALA PERJODI LETTERALI TA' 24 SIEGĦA

1. Il-jiem tal-ħolqien għandhom ikunu aċċettat bħala letterali, perjodi ta' 24 siegħa għaliex il-kuntest jitlob tifsira bħal din.

Il-lingwa tat-test hija sempliċi u ċara. Eseġesi onesta ma tistax taqra xi ħaġa oħra barra minn dawn il-versi ħlief jum ta' 24 siegħa u ġimgħa ta' sebat ijiem. **Ma hemmx l-iċken indikazzjoni li dan għandu jkun meqjus bħal poeżija jew bħala allegorija** jew li m'għandux ikun meħud bħala fatt storiku. Il-lingwa hija dik ta' kliem uman normali li għandu jkun meħud kif verament jidher li huwa, u l-qarrej mhux preġudikat jifhmu kif dan jinqara. Ma hemm ebda indikazzjoni li xi ħaġa oħra ħlief sens letterali hu mfisser (Rehwinkle, 1974, p. 70, enfasi tiegħi).

Huwa minnu li l-kelma fl-Ebrajk għal jum (*yom*), l-istess kif

f'lingwi oħra, hija applikata b'varjetà ta' tifsiriet. Imma, l-istess bħal lingwi oħra, il-kuntest huwa kritiku f'li jiddetermina eżżatt xi tfisser il-kelma f'kull waqt mogħti. Henry Morris innota:

> Ma hemm ebda dubju li *yom* tista' tkun użata biex tesprimi żmien f'sens ġenerali. Fil-fatt, din attwalment hija tradotta bħala "żmien" fit-traduzzjoni Re Ġakbu 56 darba. Minn-naħa l-oħra, din hija tradotta bħala "jum" 1200 darba….Kull meta l-kittieb tassew intenzjona li jwassal l-idea ta' tul ta' żmien twil, hu normalment uża xi kelma bħal *olam* (tfisser epoka jew "żmien twil") jew inkella msieħeb ma' *yom* aġġettiv bħal *rab* (ifisser "twil"), biex b'hekk iż-żewġ kelmiet flimkien *yom rab*, f'dak il-waqt fissru "żmien twil." Iżda *yom* weħidha ma tista' apparen-tament qatt tkun ippruvata, f'każ wieħed biss, li **teħtieġ** it-tifsira ta' perjodu twil ta' żmien, u ċertament ebda użu li jista' jissuġġerixxi żmien ġeoloġiku (1974a, p. 223, enfasi fl-oriġinal).

Il-kwotazzjoni li ġejja minn Arthur Williams tiddokumenta bosta punti importanti f'din il-kontroversja, speċjalment fid-dawl ta' l-inkonsistenza tat-teoristi "Day-Age" (Jum-Żmien). Jintqal lilna li *yom* f'Ġenesi 1 hija "żmien." Madankollu proponenti tad-Day-Age mhumiex lesti li jittraduċu l-kelma f'dan il-mod xi mkien ieħor, għaliex din ma tagħmel ebda sens biex tagħmel hekk, u teqred it-tifsira tal-passaġġi.

> X'fissret il-kelma *yom* (jum) għal Mosè u għal Iżrael fil-jum li fih il-kotba ta' Mosè kienu miktuba?...
>
> Fir-rakkont ta' Ġenesi l-kelma "jum" tiġri 14-il darba, dejjem traduzzjoni tal-kelma Ebrajka *yom*. Dawk li jżommu għat-teorija ta' jum-żmien (day-age) jitolbuna biex nagħtu l-kelma "jum" tifsira li din m'għandha mkien aktar fil-ħames kotba ta' Mosè….
>
> Bħallikieku s-sinifikat konsistenti tal-kelma *yom* matul il-kitba ta' Mosè ma kienx biżżejjed biex jistabbilixxi t-tifsira tal-kelma Ingliża "day," (fil-Malti "jum") Alla żied stqarrijiet li huma diffikultużi li tinterpretahom b'mod ieħor. "…Alla fired id-**dawl** mid-**dlam**. U Alla sejjaħ id-dawl **Jum** u d-dlam Hu sejjaħlu **Lejl**. U l-**għaxija** u l-**għodu** kienu l-ewwel jum." Fid-dawl ta' konsiderazzjonijiet kulturali ta' l-ermenewtika, jista' xi ħadd onestament jemmen li dawn it-termini kif użati fir-rakkont ta' Ġenesi tal-ħolqien kellhom tifsira kważi infinita-ment imneħħija mit-

tifsira li huma kellhom f'postijiet oħra fil-kitba ta' Mosè? Il-kelma "jum" ma kien ikoll-ha ebda tifsira għal Mosè jew għall-kontemporanji tiegħu ħlief minn dik li kienet illimitata b'riferenza għax-xemx. Ikun impossibbli biex tipprova mill-Iskrittura li l-Iżraelin fil-jiem ta' Mosè kellhom xi konċett ta' "jum" f'termini ta' miljuni jew biljuni ta' snin. Ix-xhieda li tqum minn konsiderazzjoni serja tat-tifsira kulturali tal-kelma *yom* kif użata minn Mosè u mifhuma mill-Iżraelin hija kollha kemm hi fuq in-naħa tal-jum ta' 24 siegħa fir-rakkont tal-ħolqien ta' Ġenesi. Veduta bħal din hija konsistenti bit-tifsira tagħha kif użata minn Mosè matul il-kitba tiegħu (1970, pp. 26-28, enfasi fl-oriġinal).

Bħala eżempju tal-punt li Dr. Williams qiegħed jagħmel, ikkonsidra l-użu ta' *yom* f'Numri 7:12, 18. F'dan il-kuntest, kif diġà rajna aktar qabel, id-diskussjoni hija l-offerta ta' sagrifiċċji mill-prinċpijiet ta' Iżrael. Vers 12 igħid, "*U dak li ta l-offerta tiegħu* ***l-ewwel jum****, kien Naħasson, bin Għamminadab, mit-tribù ta' Ġuda:*" Vers 18 igħid, "***It-tieni jum****, Netanjel bin Sugħar, mexxej ta' Issakar, ġieb l-offerta tiegħu.*" Innota n-natura sekwenzjali involuta: "l-ewwel jum," u "t-tieni jum." (dan jibqa' sejjer sat-***tnax-il jum*** v. 78). Jissuġġerixxu t-teoristi tal-Jum-Żmien (Day-Age) li Mosè fisser biex jgħid "fl-ewwel epoka," (perjodu twil ħafna u indefinit) jew "fit-tieni żmien" il-ġrajjiet irreġistrati ġraw? Ċertament li le! Għaliex, mela, għandu t-trattament tal-kelma *yom* f'Ġenesi 1 ikun b'xi mod differenti? Tabilħaqq, dan ma jkunx, li kieku ma kienx għax-xewqa biex jinkorporaw it-teroija ta' l-evoluzzjoni fit-test Bibliku. Jista' dan ikun aktar ċar minn hekk?

2. Il-jiem tal-ħolqien għandhom ikunu aċċettati bħala letterali, perjodi ta' 24 siegħa għaliex Alla **uża u ddefinixxa** l-kelma *yom* fil-kuntest ta' Ġenesi kapitlu wieħed. Xejn ma huwa inqas minn ta' l-għaġeb li ssib ix-xhieda mibnija fit-test biex "tinterpreta" xi kwalità ta' jiem dawn kienu. F'Ġenesi 1:5, Mosè kiteb: "*U Alla semma d-dawl Nhar, u d-dlam semmieh Lejl. U l-għaxija u l-għodu kienu l-ewwel jum.*" L-"ewwel jum" huwa hekk imfisser bħala perjodu ta' kemm jum u kemm lejl—jiġifieri, jum normali.

Ma dan, Ġenesi 1:14 huwa struttiv f'din il-ħaġa: "*U Alla qal: Ħa jkun hemm dawwaliet fil-firxa tas-sema, biex jifirdu n-nhar mil-lejl: u ħalli jkunu ta' sinjali, u biex jagħżlu l-istaġuni, u l-jiem, u s-snin:*"

Jekk il-"jiem" huma "żminijiet," mela **x'inhuma s-snin**? Jekk ġurnata (jum) hija żmien (epoka), mela x'inhu lejl? Il-passaġġ kollu jsir redikolu meta wieħed "jinterpreta mill-ġdid" il-kelma "jum." Mar-cus Dods, jikteb fl-*Expositor's Bible*, igħid sempliċiment: "Jekk il-kelma 'jum' f'dan il-kapitlu (Ġenesi 1) ma tfissirx perjodu ta' 24 siegħa, l-interpretazzjoni ta' l-Iskrittura hija bla ebda tama" (1948, 1:4-5). Koltz b'mod korrett osserva:

> Huwa prinċipju ġenerali ta' interpretazzjoni Biblika li kelma għandha tkun meħuda fit-tifsira tagħha ta' kuljum sakemm ikun hemm xhieda kompulsiva li din ikollha tkun meħuda f'sens differenti….Imma ma hemm xejn fit-test jew kuntest ta' Ġenesi 1 li jindika li dawn kienu perjodi twal ta' żmien. Prinċipji sodi ta' interpretazzjoni jeħtieġu li aħna naċċettaw dan "il-jum" bħala li hu jum ordinarju (1955), pp. 84-85).

Fields għamel sommarju dwar l-argument billi qal: "Aktar ma aħna naqraw fir-rakkont tal-ħolqien, aktar huwa ovvju li Mosè intenzjona lill-qarrejja tiegħu biex jifhmu li Alla ħalaq l-univers f'sitt ijiem ta' 24 siegħa. Xejn ma jista' jkun **aktar** ovvju!" (1976, p. 174, enfasi fl-oriġinal).

3. Il-jiem tal-ħolqien għandhom ikunu aċċettati bħala perjodi letterali, ta' 24 siegħa għaliex kull meta *yom* ikollha qabilha numru fil-letteratura mhux profetika (jiġifieri, l-istess xorta ta' letteratura li tinsab f'Ġenesi 1) fit-Testment il-Qadim, din dejjem iġġorr magħha t-tifsira ta' jum normali. Arthur Williams tkellem għal dan il-punt fil-*Creation Research Annual* meta hu qal: "Aħna nqasna milli nsibu eżempju wieħed ta' l-użu tal-kelma 'jum' fl-Iskrittura kollha kemm hi fejn din tfisser xi ħaġa oħra barra minn perjodu ta' erbgħa-u-għoxrin siegħa meta mmodifikata bl-aġġettiv numeriku" (1965, p. 10). Henry Morris qabel fil-fehma:

> Xorta jista' jibqa' jkun hemm min isostni li, ukoll għalkemm *yom* qatt ma **teħtieġ** it-tifsira ta' żmien twil, din possibbilment tista' **tippermettih** dan. Iżda, il-kittieb ta' l-ewwel kapitlu ta' Ġenesi kien wisq għassa kontra ħsieb bħal dan, kemm billi mmodifika n-nom b'aġġettiv numeriku ("l-ewwel jum," "it-tieni jum," eċċ.) u wkoll billi indika l-limiti tal-perjodu taż-żmien f'kull każ bħala "għaxija u għodu." Kemm wieħed u kemm l-ieħor minn dawn il-

ħsibijiet għandhom ikunu biżżejjed biex jilli-mitaw it-tifsira ta' *yom* għal dik ta' jum solari, u meta t-tnejn huma wżati, ma jista' jkun hemm ebda mod possibbli aħjar u aktar żgur għall-kittieb biex iwassal it-tifsira intenzjonata ta' jum letterali solari.

Bħala prova ta' dan, huwa nnutat li kull darba li numru li jilli-mita jew ordinali huwa mqiegħed flimkien ma' "jum" fit-Test-ment il-Qadim (u hemm aktar minn 200 waqtiet bħal dawn), it-tifsira hija dejjem dik ta' jum letterali (1974a, pp. 223-224, enfasi fl-oriġinal).

5. Il-jiem tal-ħolqien għandhom ikunu aċċettati bħala letterali, perjo-di ta' 24 siegħa għaliex kull darba li *yom* tinsab fil-plural (*yamim*) fil-letteratura mhux profetika tat-Testment il-Qadim (jiġifieri, l-istess xor-ta ta' letteratura li tinsab f'Ġenesi 1), din dejjem għandha t-tifsira ta' jum normali. *Yamin*, il-kelma Ebrajka għal "jiem," tidher għal aktar minn 700 darba fit-Testment il-Qadim. F'kull wieħed minn dawn il-waqtiet fejn il-lingwa mhijiex profetika fin-natura, din dejjem tirreferi għall-jiem letterali. Għalhekk, f'Eżodu 20:11, meta l-Iskrittura tgħid li "*Għax f'sitt ijiem Yaħweh għamel is-sema u l-art, il-baħar, u kulma hemm fihom…,*" ma jista' jkun hemm ebda dubju li sitt ijiem letterali huma mfissra. Ukoll l-aktar skulari liberali tal-Bibbja ma jagħmlu ebda attentat biex jinnegaw il-forza ta' dan l-argument billi jissuġġe-rixxu li Ġenesi 1 u Eżodu 20:11 huma profetiċi.

6. Il-jiem tal-ħolqien għandhom ikunu aċċettati bħala perjodi ta' 24 siegħa letterali għaliex kull darba li *yom* hija mmodifikata bil-frażi "għodu u għaxija" fil-letteratura mhux profetika tat-Testment il-Qadim (ji-ġifieri, l-istess xorta ta' letteratura li tinsab f'Ġenesi 1), din dejjem għandha magħha t-tifsira ta' jum normali.

Billi ssepara l-jum u l-lejl, Alla lesta x-xogħol Tiegħu ta' l-ewwel jum. "L-għaxija u l-għodu kienu l-ewwel jum." Din l-istess for-mula hija wżata fil-konklużjoni ta' kull wieħed mis-sitt ijiem; għalhekk huwa ovvju lit-tul ta' kull waħda mill-ġranet, inkluż l-ewwel, kien l-istess…. Huwa ċar li, tibda bl-ewwel jum u tkom-pli minn hemm 'il quddiem, kien hemm stabbilita suċċessjoni ċiklika ta' jiem u ljieli—perjodi ta' dawl u perjodi ta' dlam.

Il-kittieb mhux biss idefinixxa t-terminu "jum." Imma enfasizza li dan kien miġjub fit-tmiem b'għaxija u għodu letterali u li kien

bħal kull ġurnata oħra fis-sekwenza normali tal-jiem. Fl-ebda mod ma jista' t-terminu jkun applikat b'mod leġittmu hawn għal xi ħaġa li tikkorrispondi għall-perjodu ġeoloġiku jew xi ħsieb ieħor bħal dan (Morris, 1976, 55-56).

Jindirizza t-test mill-perspettiva ta' wieħed li studju l-lingwi oriġinali tal-Bibbja għal aktar minn ħamsin sena, Guy N. Woods kiteb:

Il-"jiem" ta' Ġenesi 1 huma maqsumin f'dawl u dlam eżattament kif hija l-karatteristika tal-jum magħruf għalina. "*U Alla ra d-dawl, li kien tajjeb: u Alla fired id-dawl mid-dlam. U Alla semma d-dawl Nhar, u d-dlam semmieh Lejl.* ***U l-għaxija u l-għodu kienu l-ewwel jum***" (Ġenesi 1:4-5). Din l-istqarrija sempliċi u sublimi hija deċissiva dwar il-kustjoni. Minn xhiex l-ewwel jum kien kompost? Għaxija u għodu. F'xhiex kien dan maqsum? Dawl u dlam. It-test Ebrajk huwa saħansitra aktar enfatiku. It-traduzzjoni, "*U l-għaxija u l-għodu kienu l-ewwel jum*" hija letteralment, "U l-għaxija kien, u jum kien, jum wieħed." Iż-żewġ perjodi—għaxija u għodu—għamlu jum wieħed. Il-mod Lhudi li jagħrfu l-jum kien minn inżul ix-xemx sat-tlugħ ix-xemx; jiġifieri, għaxija u għodu. iż-żewġ perjodi flimkien biex jagħmlu jum **wieħed** (1976, p. 17, enfasi fl-oriġinal).

Din il-frażi "għaxija u għodu" hija importanti bħala frażi li timmodifika, speċjalment fid-dawl tal-fatt li t-teoristi Jum-Żmien (Day-Age) jinsistu li dawn il-jiem kienu perjodi twal ta' żmien. Il-mistoqsija li wieħed għandu jagħmel hija din: "Qatt xi ħadd ra xi 'epoka ċiklo kożmika' (jiġifieri, perjodu twil ta' żmien indefinit) b'għaxija u għodu?"

Xi wħud issuġġerew, naturalment, li jiem letterali ta' 24 siegħa ma kinux possibbli sakemm għallinqas ir-raba' jum, għaliex ix-Xemx kienet għadha mhix maħluqa. Innota, iżda, li l-istess "għaxija u għodu" hija applikata **qabel** Ġenesi 1:14 (il-ħolqien tax-Xemx) bħal warajha. Għaliex għandu jkun hemm tliet epoki twal ta' żmien qabel id-dehra tax-Xemx, u biss jiem ta' 24 siegħa wara l-ħolqien tagħha? Kemm Klotx u kemm Woods indirizzaw din l-oġġezzjoni.

Sakemm il-veduta hija kkonċernata li dawn ma jistgħux ikunu jiem ordinarji għaliex ix-xemx ma kinetx maħluqa, aħna nixtiequ li nuru għall-fatt li aħna għadna nqisu ż-żmien f'termini ta'

jiem ukoll għal-kemm ix-xemx ma tidhirx jew ma tkunx viżibbli. Per eżempju, it-tram-unatana taċ-Ċirklu Artiku u n-nofsinhar taċ-Ċirklu Antartiku x-xemx ma tidhirx għall-perjodi ta' żmien sa sitt xhur fil-poli nfushom. Aħna ma naħsbux li nkejlu ż-żmien f'termini ta' kemm tidher ix-xemx jew tan-nuqqas ta' kemm ma tidhirx ix-xemx f'dawn l-inħawi. Ħadd ma jsostni li l-Pol tat-Tramuntana u l-Pol tan-Nofsinhar ġurnata hija l-ekwivalenti ta' sitt xhur xi mkien ieħor (Klotz, 1955, p. 85).

…Jekk għal dan hija offruta l-oġġezzjoni lix-xemx ma kinetx tiddi fuq l-art sar-raba' jum, wieħed għandu jiftakar li hija l-funzjoni ta' l-iġsma tas-sema li **jimmarkaw** il-jiem, mhux **jagħmluhom**! Huwa lejl meta ebda qamar ma jidher; u l-jum huwa l-istess kemm jekk ix-xemx tkun tidher jew ma tidhirx (Woods, 1976, p. 17, enfasi fl-oriġinal).

B'mod ta' sommarju, jista' jintqal li:

(a) Il-frażi "għaxija u għodu" kienet il-mod Lhudi li jiddeskrivi jum letterali ta' 24 siegħa.

(b) Ma hemm ebda waqtiet fil-passaġġi mhux profetiċi tat-Testment il-Qadim fejn il-frażi "għaxija u għodu" tirrappreżenta xi ħaġa oħra ħlief jum letterali ta' 24 siegħa

(c) Il-preżenza tax-Xemx u l-Qamar ma jirregolawx il-jum u l-lejl. Id-dawrien tad-dinja fuq l-assi tagħha jagħmlu dak. Billi l-frażi "għaxija u għodu" hija wżata kemm qabel u wara l-ħolqien tax-xemx, il-jiem huwa ovvju li huma letterali, jiem ta' 24 siegħa.

6. Il-jiem tal-ħolqien għandhom ikunu aċċettati bħala perjodi letterali ta' 24 siegħa għaliex Mosè kellu għad-dispożizzjoni tiegħu l-mezzi li bihom kien jista' jesprimi perjodi twal ta' żmien, imma bi skop ma użax kliem fl-Ebrajk oriġinali li kien juri dik l-idea. Fields ikkummenta:

Forsi l-aktar argument qawwi kontra t-Teorija ta' Jum-Żmien (Day-Age Theory) huwa, "x'aktar kien Alla jgħid biex iwassal l-idea li l-jiem tal-ħolqien kienu jiem **letterali?**" Huwa uża **l-uniċi** termini disponibbli għalih biex jikkomunika dik l-idea. Kien hemm kelma, fuq in-naħa l-oħra, li Mosè sata' uża li kieku hu ried biex ifisser **epoki** (żminijiet) jew **perjodi** vasti **ta' żmien**. Hu sata' uża l-kelma *dor* li għandha sewwasew dik it-tifsira.

> Imma minflok huwa uża l-kelma "jum," u aħna naħsbu lir-raġuni li hu għamel dan hija ovvja ħafna għall-qarrej mhux ippreġudikat: Hu ried li jgħid lill-qarrejja tiegħu li l-ħolqien kollu sar f'sitt ijiem letterali ta' 24 siegħa! (1976, pp. 177-178

7. Il-jiem tal-ħolqien għandhom ikunu aċċettat bħala perjodi letterali ta' 24 siegħa minħabba l-problema fl-għelieqi botaniċi kieku l-jiem huma sfurzati f'li jsiru perjodi twal ta' żmien. Woods kiteb:

> Botanija, l-għalqa tal-ħajja tal-pjanti, ġiet fl-eżistenza fit-tielet jum. Dawk li jallegaw li l-jiem ta' Ġenesi 1 jistgħu jkollhom żminijiet twal ġeoloġiċi, għandhom jaċċettaw l-ipotesi assurda li l-ħajja tal-pjanti baqgħet ħajja fil-perjodi ta' dlam totali matul nofs ta' kull żmien ġeoloġiku, imur f'miljuni ta' snin (1976, p. 17).

Henry Morris ukoll indirizza dan is-suġġett:

> L-oġġezzjoni xi kultant hija mqajma li l-ewwel tliet ijiem ma kinux jiem kif inhuma llum billi x-xemx ma kinetx maħluqa sarraba' jum. Wie-ħed naturalment jista' jdawwar din l-oġġezzjoni kontra dawk li jqajmuha. Aktar ma l-ewwel tliet ijiem huma twal, aktar katastrofiku jkun għax-xemx li ma tkunx preżenti matul dawk il-jiem, jekk tassew ix-xemx hija l-uniku sors possibbli għad-dinja. Il-veġitazzjoni maħluqa fit-tielet jum tista' żżomm għal ftit siegħat mingħajr dawl tax-xemx, imma diffiċli għal żmien ġeoloġiku! (1974a, p. 224).

B'żjieda, hemm problema serja dwar riproduzzjoni ta' pjanti. It-test ta' Ġenesi jindika li l-pjanti kienu maħluqa fit-tielet jum. Madankollu ħwejjeġ oħra ħajja ma kienux maħluqin sal-jiem ħamsa u sitta. Kif kienu jistgħu pjanti jibqgħu ħajjin li huma mdakkra biss minn insetti? Silla hija mdakkra minn-naħal, u l-pjanta jukka (ġilju) għandha l-farfett pronuba bħala l-uniku mezz għall-fertilizzazzjoni. U hemm numru bla għadd ta' eżempji oħra bħal dawn. Kif il-pjanti mmultiplikaw jekk huma kienu qegħdin jikbru miljuni ta' snin qabel ma l-insetti ġew fl-eżistenza?

8. Il-jiem tal-ħolqien għandhom ikunu aċċettati bħala perjodi letterali, ta' 24 siegħa minħabba stqarrijiet ċari dwarhom fl-Iskrittura, il-Kelma ta' Alla Nnifsu.

(a) "*Għax f'sitt ijiem Yaħweh għamel is-sema u l-art, il-baħar, u kulma hemm fihom, u strieħ fis-seba' jum: għalhekk bierek*

*Yaħweh jum is-Sibt, u qaddsu*" (Eżodu 20:11).

(b) *"Għax hu tkellem, u hi kienet maħluqa; hu ordna, u hi twaqqfet*" (Salm 33:9)

(c) "*...Għax f'sitt ijiem il-Mulej għamel is-sema u l-art, u fis-seba' jum strieħ, u ħa n-nifs*" (Eżodu 31:17).

Jimplika qari sempliċi u dirett ta' dawn il-versi perjodu twil ta' progress evoluzzjonarju, jew sitt ijiem letterali, jiem ta' 24 siegħa u ħolqien instantanju? Riegel kien kiteb:

> It-test Ebrajk (Lhudi) jimplika li l-atti Kreattivi kienu mwettqa instan-tanjament. F'Ġenesi 1:11 il-kmand letterali ta' Alla kien, "Art, nibbet, nebbieta!" Fil-vers ta' wara aħna nsibu r-rispons għall-kmand—"L-art ikkawżat pjanti li joħorġu barra." Ma hemm ebda ħjiel li epoki kbar ta' żmien kienu meħtieġa biex iwettqu din il-fażi tal-Ħolqien. Din kienet tista' ssir f'minuti biss, jew saħansitra f'sekondi, sakemm is-setgħa kreattiva ta' Alla hija kkonċernata (1962, pp. 27:28).

Fil-kuntest xieraq tiegħu, kull wieħed minn dawn il-passaġġi jista' jkun mifhum b'mod korrett li qiegħed jitkellem dwar jiem letterali u ħolqien instantanju.

9. Il-jiem tal-ħolqien għandhom ikunu aċċettati bħala perjodi letterali ta' 24 siegħa minħabba l-kmand espliċitu ta' Alla lil Iżraelin biex jaħdmu sitt ijiem u jistrieħu fis-seba' jum, l-istess kif Hu kien għamel. Alla qalilhom mhux biss **x'għandhom** jagħmlu, imma **għaliex** jagħmluh.

> "*Ftakar f'jum is-Sibt, biex tqaddsu. Sitt ijiem taħdem, u tagħmel ix-xogħol tiegħek kollu: Imma s-seba' jum hu Sibt għal Yaħweh, Alla tiegħek: fih la tagħmel ebda xogħol: la int, la ibnek, la bintek, la l-qaddej tiegħek, la qaddejja tiegħek, la l-bhejjem tiegħek, u la l-għarib li jgħammar 'il ġewwa minn bwiebek. Għax f'sitt ijiem Yaħweh għamel is-sema u l-art, il-baħar, u kulma hemm fihom, u strieħ fis-seba' jum: għalhekk bierek Yaħweh jum is-Sibt, u qaddsu*" (Eżodu 20:8-11).

Il-kmand tas-Sibt (Sabbath) jista' jkun mifhum b'mod xieraq biss meta l-jiem tal-ġimgħa huma kkunsidrati bħala jiem ta' 24 siegħa. Wilder-Smith għamel sommarju tad-diffikultà, rigward is-Sabbath, jekk

il-jiem mhumiex letterali, jiem ta' 24 siegħa.

> Diffikultà oħra tqum jekk wieħed jipprova biex japplika l-interpretazzjoni ta' epoka tagħmel jum. Id-dottrina kollha Biblika importanti tas-Sabbath hija magħmula dgħajfa b'din il-veduta. Għaliex Alla jintqal li strieħ fis-seba' jum wara li ħadem is-sitt ijiem. L-implikazzjoni hija li l-bniedem għandu jistrieħ ukoll fis-seba' jum kif għamel Alla. Imma strieħ Alla għal epoka, forsi għall-miljuni ta' snin? Il-kunċett kollu Bibliku tas-Sabbath huwa assoċjat ma' sitt ijiem tax-xogħol u waħda ta' mistrieħ fis-sebgħa. Alla ċertament ma kienx jeħtieġ mistrieħ, imma prużumibbilment qiegħed għalina mudell bil-mistrieħ tas-Sabbath (1975, p. 44).

Teoristi ta' Jum-Epoka (jew żmien) xi kultant jissuġġerixxu lis-seba' "jum" għadu qiegħed jitkompla. L-argument tagħhom hu li billi "għaxija u għodu" mhumiex imsemmija dwar is-seba' jum, dan ma kellux ikun jum ta' 24 siegħa. Għalhekk, aħna qegħdin ngħixu fis-seba' jum —pożizzjoni li huma għandhom jiddefendu biex jibqgħu konsistenti. Hemm, iżda, numru ta' problemi serji ma' dan ir-resqan. L-ewwel kienet ġiet spjegata minn Woods.

> Yaħweh spiċċa x-xogħolijiet tiegħu fit-tmiem tas-sitt jum, u fis-sebgħa strieħ. In-narattiv ma jipprovdi ebda bażi għas-suppożizzjoni li l-jum li fih Hu strieħ kien differenti f'xi mod minn dawk li kienu qablu. Dan evidentament kien immarkat għalih waħdu u t-tul tiegħu ddeterminat fl-istess mod bħal l-oħrajn. Jekk ma kienx jum ta' 24 siegħa, dan ma jżomm ebda xebħ għas-sabbath li kien mogħti lil l-Iżraelin (1976, pp. 17-18).

Il-ħsieb ovvju ta' Mosè kien għall-qarrej biex jifhem li Alla: (1) strieħ (temp passat); (2) ta s-seba' jum (is-Sabbath) bħala jum ta' mistrieħ għaliex Hu kien strieħ f'dak il-jum.

Hemm it-tieni problema ma' din il-veduta lis-seba' jum għadu qiegħed jitkompla. James Pilgrim indirizza din il-problema hekk:

> …Jekk it-teoristi ta' Jum-Epoka (jew żmien) jaċċettaw jum sebgħa bħala "żmien" (jew "epoka") ukoll, aħna nistaqsu, "Xi ngħidu dwar jum tmienja, jew jum disa', jew jum għaxra …?" Fuq **l-assunzjoni** li d-dinja għandha 7,000 sena (possibbiltà l-aktar distinta), ħalli dawk li jħabbru "l-jum-żmien" ipoġġu 2,555,000 jiem (7,000 sena ta' 265 jiem kull sena) fuq paġna. Issa

ħallihom jiċċirkondaw il-jum li beda l-ġurnata normali ta' 24 siegħa. Ħallihom ukoll ħalli jagħtu biss riferenza waħda mill-Iskrittura biex isostnu l-validità ta' dak iċ-ċirku. Jistgħu huma jagħmluh dan? Le! Sejrin huma jagħmluh dan? Le! (1976, p. 522. enfasi fl-oriġinal).

It-tielet problema bl-idea li s-seba' jum qiegħed ikompli għandha x'taqsam ma' Adam, kif Woods innota:

> Adam, l-ewwel bniedem, kien maħluq fis-**sitt** jum, għex matul is-**seba'** jum, u f'għallinqas f'porzjon tat-**tmien** jum. Jekk dawn il-jiem kienu perjodi twal ġeoloġiċi ta' **miljuni** ta' snin fit-tul, aħna għandna s-sitwazzjoni interessanti ta' Adam għex f'porzjon ta' **epoka** waħda, matul epoka **oħra** kollha, u f'għallinqas porzjon tat-tielet epoka, f'liema każ hu kellu ħafna miljuni ta' snin meta hu fl-aħħar miet! Veduta bħal din naturalment hija assurda; u hekk ukoll huma l-premessi li jeħtieġuha (1976, p. 18, enfasi fl-oriġinal).

Whitcomb għamel biċċa xogħol eċċellenti f'li jispjega **għaliex** dawn il-ħwejjeġ huma tassew:

> …Ġenesi 2:2 iżid li Hu strieħ fis-seba' jum. Dak il-jum ukoll kellu jkun letterali, għaliex jekk ħaġ'oħra s-seba' jum li Alla bierek u qaddes kien ikun misħut meta Alla seħet id-dinja u keċċa l-barra lil Adam u Eva mill-Ġnien. Qiegħed tara int, is-seba' jum kellu jkun li spiċċa u l-ġimgħa ta' wara bdiet qabel is-saħta ta' Adam kienet ġiet. Adam u Eva għe-xu matul is-seba' jum kollu u daħlu fil-ġimgħa ta' wara, li huwa sempliċiment konferma tal-fatt li kull wie-ħed mill-jiem, inkluż is-sebgħa, kien letterali (1973a, 2:64-65).

## OĠĠEZZJONIJIET IKKUNSIDRATI

Żewġ oġġezzjonijiet għall-jiem tal-ħolqien ta' 24 siegħa spiss huma msemmija minn evoluzzjonisti teisti (dawk li jemmnu f'Alla u fl-istess ħin jemmnu wkoll fl-evoluzzjoni). L-ewwel, riferenza hija magħmula għat-Tieni Pietru 3:8: "*Imma ħaġa waħda, maħbubin, għandkom iżżommu f'moħħkom, li jum wieħed quddiem il-Mulej hu bħal elf sena, u elf sena bħal jum wieħed.*" Dan il-passaġġ partikulari huwa wżat mill-proponenti tad-"Day-Age Theory" biex jissuġġerixxu li l-

jiem ta' Ġenesi kapitlu wieħed segħtu kienu epoki (żminijiet) billi, skond Pietru, jum wieħed huwa "bħal elf sena." Woods wieġeb:

> Il-passaġġ għandu jkun ikkunsidrat fid-dawl tal-kuntest tiegħu. Is-smewwiet u l-art materjali għandhom ibatu qirda bin-nar, minkejja dawk li jmaqdru u jiżżuffjetaw għal tbassir bħal dan u li jallegaw, f'wiċċ il-qirda ta' qabel tad-dinja bl-ilma, li l-ħwejjeġ kollha għandhom ikomplu kif huma kienu sa mill-bidu (2 Pietru 3:1-7). Dawk kollha huma "injoranti għaliex iridu," u jirrifjutaw li jaċċettaw il-lezzjonijiet ċari u ovvji ta' l-istorja. Segwaċi fidili tal-Mulej m'għandhomx ikunu influwenzati minn dawn ix-xettiċi, imma li jiftakru "li jum wieħed quddiem il-Mulej hu bħal elf sena, u elf sena bħal jum wieħed."
>
> B'dan l-appostlu fisser li l-mogħdija taż-żmien ma teffettwa bl-ebda mod l-esekuzzjoni tal-wegħdi t'Alla jew it-theddid. Hu mhuwiex influwenzat bil-mogħdija tas-sekli; u l-qabża taż-żmien bejn il-wegħda jew theddida, u l-esekuzzjoni, mhix fattur, bl-ebda mod. Mal-bniedem, din definittivament hi. Dak li aħna nwiegħdu li nagħmlu għada, aktar nistgħu nagħmluh milli dak li nwiegħdu sena oħra, jew fis-seklu ta' wara, billi aħna nisgħtu ma nkunux hawn biex inwettqu l-wegħda tagħna. Imma, din il-limitazzjoni, tant karatteristika tal-bniedem, ma tinfluwenzax id-Divinità. Il-mogħdija ta' elf sena, għal Alla, ma tibdilx il-pjani-jiet u l-iskopijiet Tiegħu mhux aktar daqs jum wieħed, u Hu jkomplihom kif ippjana, inkwantu l-ammont ta' żmien li huwa nvolut (1976, p. 146).

Il-passaġġ fit-Tieni Pietru 3:8 sempliċiment ifisser liż-żmien huwa ta' ftit essenza ma' Alla. L-iskop ovvju ta' Pietru huwa biex igħallem li Alla ma jgħejjix, għalkemm eluf ta' snin jistgħu igħaddu, għaliex Għalih elf sena huma bħal jum wieħed. Tajjeb li hawn wieħed jinnota li elf sena huma *bħal* u mhux *daqs* jum wieħed! Dan il-passaġġ iservi biex jillustra n-natura eterna ta' Alla u l-fedeltà Tiegħu għall-wegħdiet Tiegħu—mhux li l-jiem ta' Ġenesi 1 huma "epoki twal ta' żmien." Il-jiem ta' Ġenesi 1 m'għandhomx ikunu interpretati mill-ġdid billi tapplika ħażin il-passaġġ tat-Tieni Pietru 3:8.

It-tieni oġġezzjoni miġjuba 'l quddiem minn evoluzzjonisti teisti għall-jiem tal-ħolqien ikunu letterali, perjodi ta' 24 siegħa hija li jum sitta sempliċiment ma kienx jista' jkun ġurnata normali, għaliex f'dak

il-jum ġrat ħafna attività. Alan Hayward, li jaċċetta din il-kritika bħala leġittma għaliex hu jaqbel ma' l-hekk imsejħa "Day-Age Theory", spjega għaliex hu jemmen li dan huwa argument validu kontra jiem ta' 24 siegħa. Hu jgħid,

> Fl-aħħar, hemm xhieda qawwija lis-sitt jum tal-ħolqien kellu jdum aktar minn 24 siegħa biex jispiċċa. Ħares u ara kemm sar f'dak is-sitt jum! Biex jibda, Alla ħalaq l-annimali għola, u mbagħad ħalaq lil Adam. Wara dak:
>
> U Yaħweh Alla ħawwel ġnien f'Għeden….U mill-art Yaħweh Alla nibbet kull siġra… (Ġenesi 2: 8-9). Imbagħad **kull** annimal ħaj u **kull** għasfur kienu miġjuba għand Adam biex jagħtihom isem.
>
> F'dik il-purċissjoni kollha ta' ħwejjeġ ħajja, Adam ra li "ma sabx għajnuna li taqbel għal miegħu" (Ġenesi 2:20). Għalhekk Alla raqqad lil Adam, ħalaq lil Eva, u ppreżentaha lil Adam, li bil-ferħ iddikjara:
>
> Din **fl-aħħar** hija hi għadma ta' għadmi, u laħam ta' laħmi: tissejjaħ Mara, għax mir-raġel kienet meħuda (Vers 23).
>
> Il-kummentaturi kollha jaqblu li l-espressjoni tradotta "fl-aħħar" fir-RSV tfisser biss dak. Huma normalment jesprimu it-tifsira letterali ta' l-Ebrajk bħal "issa, fit-tul," u xi wħud minnhom jikkwotaw passaġġi oħra fit-Testment il-Qadim fejn din il-kelma Ebrajka ġarret l-istess xorta ta' tifsira. Għalhekk, l-Ebrajk jindika li Adam kien ġie miżmum jis-tenna żmien twil għall-mara tiegħu biex tidher—u dak kollu fis-sitt jum (1985, pp. 164-165, enfasi fl-oriġinal).

Dan huwa wieħed mill-ftit attentati (flimkien ma' l-argumenti mit-Tieni Pietru 3:8) biex jippruvaw li l-jiem tal-ħolqien kienu perjodi twal ta' żmien billi jappellaw għat-test attwali Bibliku. Normalment, ebda attentati bħal dawn ma huma magħmula minn dawk li jżommu "d-Day-Age Theory." Minflok, huma ġeneralment jibbażaw il-każ tagħ-hom fuq argumenti xjentifiċi, jappellaw għal l-apparenti antikwità ta' l-Art, fenomenu xjentifiku, eċċ. Hawn, iżda, il-pożizzjoni tagħhom hija kif ġej: (1) hemm xhieda testwali f'Ġenesi 2 lis-sitt jum tal-ħolqien ma satax kien jum letterali (kif issuġġerit minn Hayward, fuq); (2) imma ovvjament dan kien l-istess tip ta' "jum" bħal kull wieħed mill-ħamsa

ta' qabel; (3) għalhekk, ebda wieħed mill-"jiem" tal-ġimgħa tal-ħolqien m'għandu jkun imħares bħala letterali.

L-argument (mill-istqarrija ta' Hayward dwaru) huwa b'żewġ elementi. L-ewwel, jintqal li wara li Alla ħalaq lil Adam fis-sitt jum, Hu qabbdu biex isemmi l-annimali **qabel ma Eva kienet iffurmata** aktar wara f'dak l-istess jum—li kien jieħu wisq aktar perjodi itwal minn sempliċiment jum ta' 24 siegħa. It-tieni, huwa allegat li meta Adam l-ewwel ra lil Eva, hu qal, "Din hija **issa** ("fl-aħħar" ta' Hayward) għadma ta' għadmi…," u l-istqarrija tiegħu b'hekk tirrifletti li hu kien ilu xi żmien mingħajr sieħba—ċertament aktar minn ftit siegħat. Dan il-kompromess huwa miżmum mhux biss minn Hayward, imma minn Gleason Archer fl-*Encyclopedia of Biblical Difficulties* (1982, pp. 58ff.), u minn Hugh Ross fil-*Creation and time* (1994, pp. 50-51).

B'mod Sinifikattiv, il-professur Archer jirrivela li hu kien influwenzat mid-dikjarazzjonijiet tal-ġeokronoloġija evoluzzjonarja (il-fergħa tal-ġeoloġija li tittratta l-età tad-dinja u l-materjali tagħha, iż-żmien ta' l-istadji evoluzzjonarji fl-iżvilupp tal-pjanti u ta' l-annimali, eċċ.). Id-diskussjoni tiegħu fuq din il-ħaġa hija fi tweġiba għall-mistoqsija: "Kif jista' Ġenesi 1 ikun irrikonċiljat mal-perjodi immensi ta' żmien indikati mill-istrata tal-fossili?" Hu kien stqarr li hemm konflitt bejn Ġenesi u t-twemmin tal-ġeoloġisti evoluzzjonarji biss jekk inti tifhem "Ġenesi 1 f'mod għalkollox lettera-li," li, hu jistqarr, mhuwiex neċessarju. Dr. Archer issuġġerixxa li "Alla ta lil Adam assenjazzjoni maġġura fl-istorja naturali. Hu kellu jikklassifika kull speċi ta' annimal u għasfur misjuba fil-priserva" (1982, p. 59). Huwa kompla jgħid li kellu:

> …mnejn ħa biċċa studju mhux ħażin għal Adam biex jeżamina kull kam-pjun u jiddeċiedi fuq isem xieraq għalih, speċjalment b'ħarsa lejn il-fatt li hu ma kellu assolutament ebda tradizzjoni umana warajh, safejn in-nomenklatura hija kkonċernata. Dan kien jeħtieġ xi snin, jew, għallinqas, numru konsiderevoli ta' xhur għalih biex ikompli dan l-inventarju komprensiv ta' l-għasa-far kollha, annimali, u insetti li ppopolaw il-Ġnien ta' Għeden (1982, p. 60).

Wieħed ikun sfurzat ħafna biex isib eżempju aħjar minn dan għal "it-teorija ssir il-missier għal eseġesi." Archer sempliċiment "qara ġo" n-narrattiv divin l-assunzjonijiet tal-veduta bla bażi tiegħu. U hawn huwa l-akbar periklu għal dawk li ma jkunux ippreparati biex jagħtu

tweġiba għal dan it-tagħlim falz li jinqabdu fih. Ħalli aħna nagħtu ħarsa bil-għaqal lejn **il-fatti** tal-Bibbja.

L-ewwel, apparentament dawk l-annimali biss li Alla "ġab" għand Adam kienu nvoluti, u dan jidher li huwa llimitat, kif Archer ikkonċeda, qabel li hu hekk, fil-Ġnien ta' Għeden, ċerti kreaturi kienu mħollija barra. Ma hemmx, per eżempju, imsemmija ebda ħut jew ħwejjeġ li jitkaxkru. It-tielet, it-test ma jissuġġerixxix kemm il-kategoriji kienu vasti li Adam kellu jagħtihom isem. Ma hija xejn ħlief asserzjoni li tistqarr li Adam kellu jagħti isem lil "l-ispeċi" kollha. Alla ħalaq organiżmi ħajja skond "ix-xorta," li fil-Bibbja jidher li huwa terminu pjuttost elastiku. Dan jittraduċi l-kelma Ebrajka, *min*, li xi drabi tidher li tindika speċi, xi drabi ġeneru, u xi drabi familja jew ordni. [Imma, kif Walter C. Kaiser, President tad-Dipartiment tat-Testment il-Qadim u Lingwi Semitiċi, Trinity Divinity School osserva: "Dan ma jagħti ebda appoġġ lill-veduta evoluzzjonista klassika li teħtieġ żviluppi matul is-saltna, filu (kull waħda mid-diviżjonijiet prinċipali tar-renju ta' l-annimali), u klassijiet" (ara Harris, et al., 1980, 1:504).] Ir-raba', għaliex għandu wieħed jassumi li Adam kellu "jagħti studju tajjeb" għal din is-sitwazzjoni? Hu qatt ma kellu "jistudja" ħwejjeġ li jimxi, jitkellem, jew kif jaħdem l-art; biċ-ċar Adam kien imlibbes bit-talenti mirakolożament b'għarfien matur li għamlu kapaċi li jimxi f'dak l-ambjent antik. Hu ma kellu bżonn ebda "tradizzjoni umana" warajh; hu kien "ta' Alla" (ara Luqa 3:38).

Ħalli ninnutaw x'kienu qalu xi skulari oħra dwar dan. C. F. Keil osserva li għalkemm Adam u Eva kienu maħluqa fl-istess jum "ma hemm ebda diffikultà f'dan, billi ma kienx ikun jeħtieġ ħafna żmien biex iġib l-annimali għand Adam biex jara x'kien se jsemmihom, billi l-annimali tal-Ġnien ta' Għeden huma dawk kollha li aħna għandna naħsbu dwarhom" (1971, 1: 87). H.C. Leupold innota:

> Li hemm limitazzjoni fuq in-numru tal-kreaturi miġjuba quddiem il-bniedem huwa apparenti permezz ta' żewġ ħwejjeġ. Fl-ewwel post, il-bhejjem huma mfissra bħala bhejjem **tar-raba'** (*hassadheh*) (Ġen. 2:20), mhux bhejjem **ta' l-art**, kif f'Ġenesi 1:24. Għalhekk hemm diffikultà f'li tiddetermina l-limiti eżatti tat-terminu "raba'" f'dan il-waqt, hemm probabbiltà kbira (ukoll v. 5) li din tista' tirreferi għall-ġnien biss. Fit-tieni post, il-ħut tal-baħar huma mħollija barra, ukoll f'vers 20, bħala li kienu inqas qrib

> għall-bniedem. Għal dan aħna inklinati biex inżidu t-tielet konsiderazzjoni, il-fatt, li huwa, li l-ġnien bilkemm kien jista' jkun ġnien li kieku l-kreaturi kollha kienu jiġru fih bla tfixkil. Sa dak il-waqt, wisq probabbli, numru llimitat biss ta' kreaturi huma msemmija, id-diffikultà l-oħra taqa', jiġifieri, li l-bniedem ma kienx jista' li jsemmi l-kreaturi kollha fil-korsa ta' jum (1942, pp. 130-131, enfasi fl-oriġinal).

Henry Morris ikkummenta:

> …ix-xorta maħluqa bla dubju irrappreżentaw kategoriji aktar wiesa mill-ispeċi moderni tagħna jew ġenera, possibbilment bejn wieħed u ieħor fil-biċċa l-kbira ta' każi l-familja tassonomika (ix-xjenza li tikklasifika organiżmi ħajja). Sewwasew kemm-il xorta kien attwalment hemm biex ikunu mogħtija isem, naturalment, mhux magħruf, imma bilkemm sata' kien hemm elf. Għalkemm ukoll dan in-numru jista' jidher formidabbli għalina llum, wieħed għandu jiftakar li Adam kien maħluq ġdid, b'attività mentali u b'enerġija fiżika tikkorrispondi għal stat li ma kienx waqa'. Hu żgur li kien jista' jagħmel ix-xogħol f'ġurnata u, l-aktar, dan sata' ħa ftit tal-jiem għall-persuna moderna, għalhekk ma hemm xejn fir-rakkont biex jissuġġerixxi li s-sitt jum kien xi ħaġa bħal żmien ġeoloġiku (1984, p. 129, enfasi fl-oriġinal).

L-argument ta' Archer dwar l-annimali hu-wa ħafna frattarija dwar xejn.

Archer issuġġerixxa wkoll li dan il-perjodu mtawwal li jagħti isem lil l-annimali ħalla lil Adam "b'esperjenza twila u bla sodisfazzjon bħala għażeb waħdu" u hekk fl-aħħar huwa kien "emozzjonalment ippreparat" meta waslet Eva. Kittieb ieħor iddikjara: "Jidher li hu [Adam] kien qiegħed ifittex bil-ħerqa għal żmien twil għal sieħba xierqa, u meta sabha, hu għajjat, **Din fl-aħħar** [letteralment, 'dan il-ħin'] **hija għadma ta' għadmi**, eċċ." (Willis, 1979, p. 113, enfasi fl-oriġinal).

Għal darb'oħra, wieħed jista' biss jesprimi skantament dwar kif xi skulari b'ħila liema bħala "jaqraw bejn il-linji." M'hemm xejn fl-istqarrija, "din hi issa għadma ta' għadmi…" li jitlob żmien twil għal Adam li kien igħix waħdu fih bħala għażeb. Il-kelma Ebrajka tradotta "issa" hija *pa'am*. It-terminu ma jeħtieġ firxa ta' żmien imtawwla, kif sostnut minn Willis. Din tista' tfisser sempliċiment kuntrast ma' dak li kien irreġistrat qabel, kif din tagħmel f'dan il-kuntest. Il-Professur M.

W. Jacobus osserva lit-terminu indika "**dan il-ħin**—**f'dawn il-waqt**, jirreferi għall-**pari** l-oħra," u hekk esprima b'mod sempliċi s-sodisfazzjon ta' Adam mas-sieħba tiegħu f'kuntrast għal l-annimali li hu kien qiegħed jagħtihom isem (1864, p. 110, enfasi fl-oriġinal). Robert Jamieson innota:

> ...**issa**, hija enfatika (30:30; 46:30). Din tissinifika "issa tassew," "issa fl-aħħar," bħallikieku l-memorja tiegħu kienet qiegħdha tfakkar mill-ġdid malajr id-diżappunti suċċessivi li hu kien ħabbat wiċċu magħhom f'li ma sabx, fost il-kreaturi kollha ħajja pprezentati lilu, xi waħda li kienet għajnuna li taqbel miegħu (1945, 1: 46, enfasi fl-oriġinal).

M'hemm xejn, għalhekk, xejn f'Ġenesi 2 li huwa f'konflitt ma' l-istqarrija ċara u storika ta' Ġenesi 1:27-31: "Hekk Alla ħalaq il-bniedem fuq ix-xbieha tiegħu: fuq ix-xbieha ta' Alla ħalqu; raġel u mara ħalaqhom... U l-għaxija u l-għodu kienu s-sitt jum." Kif aħna wrejna ripetutament, l-Iskrittura tindika li l-ġimgħa ta' sitt ijiem tal-ħolqien kienet komposta mill-istess xorta ta' "jiem" li l-Lhud applikaw fl-osservanza tas-Sabbath (Eżodu 20:8-11), u għalkemm dan l-argument kien irredikolat, **dan qatt ma kien imwieġeb**.

Hemm punt ieħor, mit-Testment il-Ġdid, li jisthoqqlu konsiderazzjoni. Fl-Ewwel Timotju 2:13, l-appostlu Pawlu kiteb: "Għax Adam kien imsawwar l-ewwel, **imbagħad** Eva." Ta' interess speċjali hawn hija l-kelma "imbagħad" [Grieg *eita*]. Dan it-terminu huwa avverbju ta' żmien ifisser "imbagħad; li jmiss; wara dak" (Thayer, 1962, p. 188). Dan jinsab 16-il darba fit-Testment il-Ġdid f'dan is-sens. [Darba dan huwa applikat f'argumentazzjoni biex iżid raġuni ġdida u hekk huwa mfisser "Barra minn dan" (Lhud 12: 9)]. Il-kelma, għalhekk, ġeneralment hija wżata biex tissuġġerixxi sekwenza loġika bejn ġraj-jiet u **ma hemm qatt indikazzjoni li qabża kbira ta' żmien tisse-para t-tnejn**. Innota li ġej:

(a) Ġesù "...tħażżem. Wara dan [*eita*] tafa' l-ilma f'żinġla..." (Ġwanni 13: 4-5).

(b) Mis-salib, Ġesù qal lil Marija, "... Mara, ara ibnek! Imbagħad [*eita*] qal lid-dixxiplu:..." (Ġwanni 19:26-27). Qabbel ukoll Ġwanni 20:27 – "Imbagħad [*eita*] qal lil Tumas..." u Mark 8: 25.

(c) F'luqa 8:12, xi żerriegħa waqgħet mal-ġenb tat-triq "…imbagħad [*eita*] jiġi x-xitan, u jieħu l-kelma minn qalbhom,…" U innota l-parallel ta' Mark, "minnufih jiġi Satana, u jieħu l-kelma li nżergħet f'qalbhom…" (4: 15). Dawn l-eżempji ma jirrivelaw ebda qabżiet twal ta' żmien.

(d) Ġakbu jgħid li bniedem "imġarrab jinġibed u jitħajjar mill-pasjoni tiegħu stess. Imbagħad [*eita*] il-passjoni, meta tnissel, twelled id-dnub; u d-dnub..." (1:14-15). Kemm żmien jieħu dan?

(e) Kristu deher li Kefa; "U li deher lil Kefa, imbagħad [*eite*] lit-tnax" (1 Korintin 15:5) u dan kien *fl-istess jum* (Luqa 24:34-36). Ara wkoll 1 Korintin 15:7.

(f) Jitkellem dwar il-miġja ta' Kristu, Pawlu ddikjara, "Imbagħad [*eite*] jiġi t-tmiem" (1 Korintin 15:23-24). Ikun hemm tul ta' żmien kbir (1,000 sena), kif jallegaw il-millennjalisti, bejn il-miġja ta' Kristu u t-tmiem? Tabilħaqq li le.

(g) Għal l-użu ieħor ta' *eita* ara Mark 4: 17, 28; 1 Korintin 12:28; u 1 Timotju 3:10.

Mela, "Adam kien imsawwar l-ewwel, imbagħad [*eita*] Eva," (1 Timotju 2:13). L-użu ta' l-appostlu Pawlu ta' dan l-avverbju, kif imqabbel ma użu ieħor bħalu tat-Testment il-Ġdid f'postijiet oħra, huwa perfettament konsistenti ma' l-affermazzjonijiet ta' Mosè li Adam u Eva kienu magħmula fl-istess jum letterali ta' l-istorja.

Għal dawk li huma marbutin ma' l-hekk imsejħa "Day-Age Theory," aħna nixtiequ li noffru għall-konsiderazjoni serja u tal-ħsieb l-isfida mpoġġija 'l quddiem minn Fields:

> Hija l-konklużjoni tagħna, għalhekk, lid-"Day-Age theory" hija impossibbli. Hija grammatikament u eseġikament għalkollox assurda. L-unika raġuni tagħha għal l-eżistenza hija t-tħollija tagħha għaż-**żmien** meħtieġ mill-ġeoloġija u l-bijoloġija evoluzzjonarja. Aħna nixtiequ li nissuġġerixxu żewġ toroq ta' azzjoni għal dawk li daqshekk iridu li jżewġu lilhom infushom għal misinterpretazzjonijiet stravaganti, strambi ta' l-Iskrittura: jew (1) jammettu li l-Bibbja u l-ġeoloġija kontemporanja uniformitarja ma jaqblux, jirriġettaw il-ħol-qien bibliku, u jiddefendu l-evoluzzjoni ġeoloġika u bijoloġika matul biljuni ta' snin; jew (2) jammettu li l-Bibbja u

ġeoloġija kontemporanja uniformitarja ma jaqblux, jistudjaw l-indikazzjonijiet ġeoloġiċi tal-**ħolqien riċenti** tad-dinja, jaċċettaw l-implikazzjonijiet tad-dulluvju ta' Noè, u jemmnu l-ħolqien riċenti tal-Bibbja. Wieħed għandu jagħżel jew l-iskema kronoloġika ta' l-uniformitarjaniżmu jew l-iskema kronoloġika tal-Bibbja, **imma l-inkonsistenzi ta' din ix-xorta ta' interpretazzjoni tat-test Ebrajk għal l-iskop ta' li tarmonizza ma' xulxin pożizzjonijiet esklussivi u kontradittorji għalkollox ma jistgħux ikunu aktar ittollerati** (1976, pp. 178-179, l-enfasi kollha fl-oriġinal barra mill-aħħar sentenza).

Għalhekk, ħuti għeżież,

"*Qisu li ħadd ma jassarkom b'filosofija u kliem qarrieq u fieragħ skond it-tradizzjonijiet tal-bnedmin* ***skond il-prinċipji tad-dinja*** *u mhux ta' Kristu.*" (Kolossin 2:8).

**Għal aktar informazzjoni ikkuntattja:**

***Knisja Ta' Kristu***
Flat 1, Polytechnic Flats,
Ġużè Debono Square,
Msida. MSD 10
e-mail: info@churchofchristmalta.com
jew: www.churchofchristmalta.com

Ħinijiet tal-laqgħat:
Il-Ħadd: Servizz ta' qima: 10.30 a.m.
L-Erbgħa: Studju tal-Bibbja: 7.00 p.m.